Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Roderick Attard]

vs

Kevin Xuereb

Illum, 25 ta' Awwissu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kevin Xuereb detentur tal-karta tal-identita` numru 0011881(M).

1) Akkuzat talli nhar it-23 ta' Awissu 2019 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel gab ruhu b'mod li ta' fastidju lis-siehba tieghu, Concettina Tozzolino (Art 251A(1)(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)

Akkuzat ukoll talli nhar it-23 ta' Awissu 2019 bejn l-ghaxra ta' filghaxija (10pm) u s-sija ta' filghodu (1am) ta' nhar l-24 ta' Awissu 2019 gewwa Casa Tozzolino, Triq il-Markijiet, Kirkop u/jew f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin:

2) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa b'konsegwenzi minimi fuq il-persuna ta' Concettina Tozzolino hekk kif iccertifikat Dr Francesca Akanji (Med Reg Num 3593) (Art 221(3) (a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)

3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi nsulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Concettina Tozzolino. (Art. 339 (1)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favor ta' Concettina Tozzolino u l-familjari taghha ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti;

Rat li l-imputat ikkopera bi shih mal-Prosekuzzjoni u li ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art. 221(3)(a), 339(1)(e) u 251A(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Kevin Xuereb hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u bl-applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18)-il xahar.

Inoltre l-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Supervizjoni taht l-Art 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Ordni ta' Protezzjoni a favur il-parte civile ghal zmien sentejn (2).

Inoltre l-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Trattament taht l-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jindirizza l-problema tal-alkohol, liema ordnijiet qed jigu annessi ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**